

# Iċ-Ċentinarju tas-Sena 1928
## fl-għeluq 1600 sena mill-Mewt tal-Qaddisa Patruna Sant'Elena Imp. Aug.

**Kitba ta' Victor Vella**



Dan l-aħħar instab tagħrif interessanti dwar iċ-ċentinarju tas-sena 1928. Kien għeluq 1600 sena (328-1928) mill-mewt tal-qaddisa Sant'Elena. Dan it-tagħrif kien miġbur mill-mibki Joe Deacon li kien il-President tas-Soċjetà Dun Filippu Borgia. Dan it-tagħrif kien ħadu minn ktieb żgħir jismu *Rikordju - Ricordo delle Feste Centinarie di Sant Elena Imp. Aug. Birkirkara 328-1928.* Dak iż-żmien kienu ħarġu wkoll bħala tifkira xi nkwadri u kartolini bix-xbieha għażiża ta' Sant'Elena mdawra bil-kelmiet: ***Simulacro di Sant'Elena Imp. Aug-Tenuto in somma venerazione da Birchircaresi.*** Il-kjeriku Salvinu Borg Olivier li kien l-ewwel president tas-Soċjetà D.F. Borgia - kien ħareġ ktieb żgħir bit-titlu *Tifkira tas-XVI - iċ Ċentinarju ta' S. Elena.* Il-Komunità tal-Ġiżwiti wkoll kienu ħarġu ktieb żgħir. Dan it-tagħrif huwa mportanti ħafna biex dawk ta' warajna ikunu jafu kif 71 sena ilu missiriejtna mill-faqar li kien hawn kellhom il-ħila jagħmlu festi kbar li għamlu ġieh lil Santa Elena u lil beltna Birkirkara. Festi li għamlu ġieh il-prepostu ta' dak iż-żmien Mons. Karmelu Bonnici D.D.,B.L.Can.,Can.Cap.,Prel.Dom (1924-1935), il-kapitlu Elenjan u l-poplu Karkariż ta' dak iż-żmien.

Meta wieħed jara l-preżentazzjoni tal-programm pulita wieħed jintebaħ kemm il-Karkariżi huma serji u professjonisti. Il-programm rikordju ġie stampat fl-Empire Press, inħareġ u tqassam fil-15 ta' Awissu 1928 f'isem il-Kumitat li ħa ħsieb jorganizza l-festi. Is-suċċess ta' dawn il-festi ġie mmanifestjat u rreġistrat mill-gazzetti ta' dak iż-żmien.[1]

### Preparazzjoni għaċ-Ċentinarju

Fl-għeluq 1600 sena mill-mewt tal-Qaddisa Patruna l-antenati tagħna xtaqu li jġibu Kardinal. Fuq talba tal-Prepostu u tal-Kapitlu, l-Arċisqof ta' dak iż-żmien Mauro Caruana kiteb lill-Kardinal Bourne, Arċisqof ta' l-Ingilterra.



Dan ma setax jiġi. Il-prepostu Bonnici stieden lill-Kardinal Pio Tommaso Boggiani. Dan kien imsiefer. Il-Kan. Ġużeppi Micallef mar Catania biex jistieden lill-Kardinal Giuseppe Francica Nava. Dan kien qaddes fil-Kolleġjata tagħna fil-festi tal-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tas-sena 1913. Sfortunatament dan kien marid mejjet. U hekk bqajna bla Kardinal.

Il-kumitat inkarigat mill-festi kellu jieħu ħsieb żewġ skejjen liedna min Sqallija biex tissaqqaf it-Triq il-Kbira u jintrama Misraħ S. Elena bl-istess liedna *a la Rumana*.

Fuq il-fruntuni tal-bibien tal-knisja tpoġġew tliet skrizzjonijiet kbar. Jingħad li l-għada meta l-festi spiċċaw kien għamel riħ qawwi u kisser waħda minnhom.

Fil-knisja fuq ġewwa żżanżnu s-sett sopraporti bil-purtieri ħomor fuq it-twieqi.

Fuq iċ-ċinta kien hemm qsari kbar tal-palm u l-frame tagħhom kien *a la Rumana*.

Il-festa ta' S. Elena kellha ssir il-Ħadd, 2 ta' Settembru li dakinhar ħabat il-XIV il-Ħadd wara Pentecoste.

**Sebat ijiem Festi - Festi Ġewwa**

***It-Tnejn, 27 ta' Awissu 1928*** kien il-bidu tal-festi. Fis-6.00 p.m. saret it-transulazzjoni bir-relikwija ta' S. Elena mill-knisja l-qadima għall-Kolleġġjata tal-lum. Din kienet immexxija mill-Pre-eminent tal-kapitlu l-prepostu/arċipriet Karmelu Bonnici assistit mill-istess kapitlu. F'din iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-festi ħadu sehem ukoll dawk il-Kappillani tal-parroċċi li ħarġu minn Birkirkara. Meta waslu fil-kolleġġjata sar l-għasar prepositorjali bil-mużika u l-predikatur tal-ġurnata kien il-Kan. Teol. Emmle Grech D.D. Din il-funzjoni kif ukoll dawk tal-ġranet li ġejjin kollha kellhom it-tmiem bil-Barka Sagramentali.

***Fit-28 ta' Awissu*** fis-6.30 ta' filgħodu saret quddiesa letta bi priedka qasira mill-Papas Chetta Schiro u li fiha sar it-tqarbin bir-rit Grieg. Din kienet xi ħaġa ġdida fi gżiritna.

Fit-8.30 ta' filgħodu beda l-kant tat-Terza u saret quddiesa kantata bil-mużika mir-Revmu. Kapitlu Elenjan.

Fis-6.00 ta' filgħaxija il-komunità tal-Karmelitani tal-Belt iltaqgħu fil-knisja ta' San Pawl tal-Wied u minn hemm telgħu proċessjonalment għall-Kolleġġjata fejn saru l-Vespri u wara l-kumpieta. Saret priedka bil-Malti mill-Pirjol ta' l-istess komunità Patri Telesforo Tanti.



# Lejliet it-Tielet Millenju

***Fid-29 ta' Awissu*** fis-6.30 a.m. saret quddiesa bi tqarbina u priedka qasira minn Mons. Karlu Cortis D.D., M.A., Arċipriet tal-Katidral li għaliha attendew numerużi l-Kumitati u s-soċi taż-żewġ baned Karkariżi.

Fit-8.30 a.m. wara l-kant tat-terza saret quddiesa Prelatizja mill-Komunità tal-Karmelitani.

Fis-6.00 ta' filgħaxija il-Kapitlu ta' Bormla iltaqa' fil-knisja ta' S. Pawl u minn hemm tela' proċessjonalment għall-Kolleġġjata fejn sar kollox bħal jum ta' qabel. Il-priedka saret mill-Kan. Dun Filippu Bonnici.

***It-30 ta' Awissu*** kien jum Ewkaristiku għat-tfal subien u bniet tal-parroċċa u għalhekk fis-6.30 a.m. huma assistew għal quddiesa bi priedka qasira u bit-tqarbin. Iċ-ċelebrant ta' din il-funzjoni kien Mons. Anton Vella D.D., Penitenzier tal-Katidral.

Fit-8.30 a.m. sar il-kant tat-Terza u wara l-Kapitlu ta' l-Immakulata tal-Belt Cospicua iċċelebra quddiesa solenni li bħal jiem l-oħra kienet ukoll bil-mużika.

Fis-6.00 ta' filgħaxija il-Kapitlu Vittoriosan, iltaqa' fil-knisja li dak iż-żmien kienet Viċi-Parroċċa dik ta' San Pawl, u bħal ġranet ta' qabel tela' proċessjonalment għall-Kolleġġjata ta' S.Elena fejn ħadu sehem fil-Vespri. Saret il-priedka bi tħejjija għall-festa mill-Kan. Anton Agius.

***Fil-31 ta' Awissu*** saret quddiesa bil-fervorin u bit-tqarbin għall-għaqdiet u kongregazzjonijiet reliġjużi tal-Parroċċa, mir-Revmu Mons. Dr. Gius. Apap Bologna li dak iż-żmien kien l-Arċidjaknu tal-Kattidral.

Fit-8.30 a.m. wara l-kant tat-terza tqaddset quddiesa bil-mużika li fiha ħa sehem il-Kapitlu Vittoriosan.

Fis-6.00 ta' filgħaxija iffunzjona l-kapitlu ta' San Pawl tal-Belt Valletta u kollox sar bħal jum ta' qabel. Il-predikatur ta' dak inhar kellu jkun il-Kan. Edgar Galea Naudi, Teżorier tal-istess kolleggjata u Vigarju Perpetwu.[2]

***Fl-1 ta' Settembru*** Lejlet il-festa. Fis-6.30 a.m. saret quddiesa bil-fervorin bit-tqarbin għall-fidili tal-parroċċa u qaddisa r-Revmu. Mons. Luigi M. Camilleri li kien il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi Maltija.

Fit-8.30 a.m. il-Kanoniċi ta' San Pawl tal-Belt ħadu sehem fil-quddiesa kantata.

Fis-6.00 ta' filgħaxija wasal l-Arċisqof Mawru Caruana fit-tempju Elenjan għall-Primi Vespri Pontifikali mgħejjun mill-kapitlu tal-Katidral. Wara l-kant tal-kumpieta ingħatat il-benedizzjoni sagramentali mill-istess Arċisqof.

***It-2 ta' Settembru*** sebaħ jum il-festa u fil-5.00 ta' filgħodu beda l-*Matutin Prepositorjali* bir-responsorji bil-mużika.



Fit-8.30 a.m. wara l-kant tan-nona beda l-Pontifikali solenni mill-Arċisqof Caruana assistit mill-Kapitlu tal-Kattidral. In-nisġa tal-kuruna ta' tifħir lil Sant'Elena dak inhar saret mir-Revmu. Mons. Karlu Cortis D.D., M.A., li kien Arċipriet tal-Kattidral.

Fil-5.00 ta' filgħaxija l-Kapitlu tal-Kattidral mexxew il-Vespri Solenni u fis-6.30 p.m. ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa li dak iż-żmien kienu jsejħulha ***Ven. Simulacro di Santa Elena.***

F'din il-purċissjoni Sinodali ħadu sehem l-għaqdiet reliġjużi tal-parroċċa, il-Komunità tal-patrijiet Karmelitani tal-Belt, il-kappillani tal-knejjes Parrokkjali u filjali ta' Birkirkara, il-kapitlu Elenjan, dak ta' l-Immakulata, dak ta' San Lawrenz Levita u ta' San Pawl Nawfragu. Ikkonduċa l-purċissjoni l-Arċisqof Caruana assistit mill-kapitlu tal-Kattidral.[3]

Il-festi ntemmu bil-barka sagramentali mill-istess Arċisqof. Fi tmiem il-programm tal-festi ta' ġewwa nsibu: appell lill-qasssin u patrijiet biex jiġu jqaddsu fil-jum tal-festa u appell ieħor lill-Karkariżi kollha biex f'dak il-jum jersqu lejn is-sagramenti.

Bil-permess speċjali mogħti minn Ruma setgħet titqaddes il-quddiesa *Votiva* ta' Sant'Elena peress li dak inhar il-festa ma saritx fil-ġurnata tagħha.

Il-mużika fil-knisja kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Ferdinandu Camilleri u ibnu Ġiuseppi.

**Festi ta' Barra**

Il-festi ta' barra tant saru b'temp eżatt li ma tellfu xejn il-festi ta' ġewwa.

**Mixgħela**

Fil-ġranet 27 ta' Awissu sat-30 ta' Awissu l-mixgħela bil-kurrent elettriku kienet parzjali. Wieħed irid jiftakar li f'dak iż-żmien kien għad hawn il-fanali tal-pitrolju fil-kantunieri tat-triqat tagħna.

Fl-1 ta' Settembru u f'jum il-festa l-mixgħela kienet ġenerali.

**Logħob tan-Nar**

Fis-27 ta' Awissu li kien il-bidu tal-festi fil-11.00 ta' filgħaxija kien hemm il-logħob tan-nar fi pjazza Sant'Elena. Dan kien xogħol ta' Neriku Camilleri. Fil-jiem l-oħra dejjem fl-istess ħin kien hemm il-ġiġġifogu. Fil-jum tal-fesa fil-11.00 ta' filgħaxija beda l-logħob tan-nar artifiċjali u logħob ieħor ħdejn l-iskola tal-Gvern. Dan kien maħdum mill-Kataniż F. Gaffarelli u E. Camilleri minn Birkirkara. Gaffarelli ħadem in-nar fil-kamra tan-nar ta' Ħal Lija.

## Baned

Fis-27 ta' Awissu fid-9 ta' filgħaxija sar programm mużikali mill-banda Sant'Elena fil-pjazza ta' quddiem il-knisja.

Fit-28 ta' Awissu daqqet fl-istess pjazza il-banda ta' Sant'Andrija ta' Ħal Luqa. Fid-29 ta' Awissu daqqet il-banda ta' Stella Maris u fit-30 daqqet dik tal-L'Isle Adam tar-Rabat.

Fil-31 ta' Awissu daqqew tliet baned. Il-banda Duke of Connaught fil-pjazza, dik ta' San Ġiljan fil-pjazzetta ta' San Franġisk Saverju, u tal-Konti Ruġġieru tar-Rabat esegwiet programm fi Triq iż-Żebbiegħa - fejn illum hemm Orslika.

F'lejlet il-festa fit-8.00 ta' filgħodu il-banda Duke of Cannaught għamlet marċi brijużi mat-toroq prinċipali u f'nofsinhar bdiet il-banda Sant'Elena li għaddiet mill-istess toroq prinċipali.

Fid-9.00 ta' filgħaxija imbagħad insibu 7 baned li daqqew f'dawn il-postijiet: il-banda Sant'Elena fi Triq il-Kbira, id-Duke of Edinburgh (tal-Birgu) fi pjazza Sant'Elena, dik ta' San Ġużepp tal-Ħamrun fi Triq Msida, San Ġorġ (ta' Bormla) ħdejn Sqaq Qrezju, San Filep fil-pjazzetta ta' San Franġisk Saverju, San Ġużepp ta' Ħaż-Żebbuġ fi Triq San Rokku u il-banda Vilhena fi Triq il-Kbira ħdejn Triq iż-Żebbiegħa.

F'jum il-festa l-baned bdew fil-5.00 p.m. u wara l-marċi daqqew il-programmi tagħhom f'dawn il-postijiet: San Ġorġ ta' Bormla kienet fil-Pjazza S. Elena, l-Istilla ta' Għawdex[4] fi Triq il-Kbira, ħdejn Triq iż-Żebbiegħa, il-banda Vittorja tal-Mellieħa fi Triq San Rokku, Nikol Isouard tal-Mosta fil-pjazzetta ta' San Franġisk Saverju, San Ġużepp tal-Ħamrun fi Triq Msida, Piju X ta' Ħal Lija fil-Wied ta' Birkirkara, u dik tal-Istitut ta' San Ġużepp daqqet fi Triq Pompei.

## Pranzu

Sar ukoll pranzu għal dawk tal-kumitat u ieħor għall-foqra li għalih attendew madwar 400 ruħ bejn rġiel u nisa.

Din is-sena taħbat l-aħħar sena mit-tieni millenju. Is-sena d-dieħla jiġifieri fis-sena 2000, nibdew it-tielet millenju. Dan it-tagħrif għandu jibqa' stampat ġo moħħna u qalbna biex sakemm itulu ż-żminijiet dawk ta' warajna jibqgħu għatxana biex ikunu jafu aktar fuq beltna Birkirkara. Kif mix-xejn ta' 71 sena ilu saru festi sbieħ u kbar hekk għandhom jibqgħu jiġu mfakkra anniversarji oħra fil-futur bl-istess solennità, ħeġġa u qdusija kif kienu jafu jagħmlu ħutna l-Karkariżi ta' qabilna. Ejjew flimkien intennu il-kliem li bdew il-festi fl-1928 mill-Kan. Teol. Emmanuel Grech D.D. ***"Taħt il-mant tiegħek twelidna u***



*trabbejna u taħt l-istess mant irridu ngħixu w immutu".* Iva ħuti Karkariżi ejjew nagħlqu s-sena 1999 u nifthu l-millenju ġdid 2000 bl-istess ħsieb qaddis biex fl-aħħar mill-aħħar xi darba ningħaqdu flimkien fis-sema mal-Padruna tagħna l-kbira Qaddisa tas-Salib ta' Kristu, Santa Elena.



*Triq il-Kbira imżejna fl-1928.*

## Riferenzi

1 Il-Ħabib, 30 ta' Ġunju, 1928
The Daily Malta Chronicle, 25th August and 4th September.
The Mid-day View, 5 September
Malta Tagħna, 15 ta' Settembru

2 Il-Kan Galea Naudi kien inidispost u għalhekk il-priedka saret minn Dun V. Vella li kien Kan. Onorarju tal-Bażilika Koll. ta' l-Isla. Dun Vinċenz kien kiteb l-istorja ta' S. Elena fil-qosor fl-1906.

3 Iċ-ċeremonjier li mexxa fil-funzjonijiet ma' Mons. Arċisqof kien Dun Anton Bonnici li wara sar Kanoniku tal-Kattidral u kien ir-rettur tal-knisja tal-Vitorja fil-Belt Valletta.

4 Ma' din il-banda kienu ġew ħafna Għawdxin u ħafna minnhom raqdu l-lejl barra qrib Triq l-Imsida fejn dari kien hemm l-iskola l-qadima.


**Borg Transportation Ltd**

**Bulk Supply - Diesel & Kerosene**

**Tel: 440214**
**Fax: 446210**
**Mob: 0993598**

- **Reduced administrative cost** ☑
- **No delivery charges** ☑
- **Advantageous payment terms** ☑
- **Duty free supplies on request** ☑
- **Supply within 24 hours** ☑

**Check us out...**

